**186. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI B'ĊENS PERPETWU LILL-MALTA SHIPBULDING COMPANY LIMITED TAS- SITI F'ST ANDREWS, LIMITI TA' SAN ĠILJAN

Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni :

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'ċens perpetwu lill-Malta Shipbuilding Company Limited, is-siti f'St. Andrews limiti ta' San Ġiljan, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ tat-trasferiment":

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-siti f'St Andrews, limiti ta' San Ġiljan, jistgħu jiġu mogħtijin lill-imsemmija kumpannija, Malta Shipbulding Company Limited, b'ċens perpetwu, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

31.05.1979